# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 19 ta’ Novembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 848/01mm**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Carmela Micallef**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1600.00) import ta’ hamsa u ghoxrin (25) kambjala migbuda mis-socjeta’ Paola Motors Limited gia’

Daewoo (Malta) Limited gia' Universal Commerce Agency Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fil-15 ta' Settembru, 1999, 15 ta' Ottubru, 1999, 15 ta' Novembru, 1999, 15 ta' Dicembru, 1999, 15 ta' Jannar, 2000, 15 ta' Frar, 2000, 15 ta' Marzu, 2000, 15 ta' April, 2000, 15 ta' Mejju, 2000, 15 ta' Gunju, 2000, 15 ta' Lulju, 2000, 15 ta' Awissu, 2000, 15 ta' Settembru, 2000, 15 ta' Ottubru, 2000, 15 ta' Novembru, 2000, 15 ta' Dicembru, 2000, 15 ta' Jannar, 2001, 15 ta' Frar, 2001, 15 ta' Marzu, 2001, 15 ta' April, 2001, 15 ta' Mejju, 2001, 15 ta' Gunju, 2001, 15 ta' Lulju, 2001, 15 ta' Awissu, 2001, 15 ta' Settembru, 2001, rispettivament (Dok. "A1 sa' A25") flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2001, (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li gew ipprezentati kontestwalment, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi għalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-12 ta' Novembru, 2001, meta ġew ippreżentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.